KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 13/8/194/20

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 13

*L-Erbgħa 24 ta' Ġunju 2020*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċini amministrattivi tiegħu, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar l-Erbgħa 24 ta' Ġunju 2020. Il-laqgħa kienet skedata għal-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima - *Sindku*<br>Darren Lynch - *Viċi Sindku*<br>Rita Delezio - *Kunsilliera*<br>Yvonne Arqueros – *Kunsilliera*<br>Neville Camilleri – *Kunsillier* |
| **Assenti b'apoloġija**<br>(Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Steven Axisa - *Kunsillier*<br>Ivan Bartolo – *Kunsillier* |
| **Assenti:** | |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

KUNSILL LOKALI PAOLA

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

1. **<u>Qari tal-ittri ta' apoloġija</u>**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi l-Kunsilliera Axisa u Bartolo talbu sabiex ikunu skużati minħabba xogħol. Il-membri qablu li jkunu skużati.

2. **<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

2.1. Il-Minuti nr. 12 u nr 13. ġew approvati *nem com.*

2.2. Dwar punt nr. 3.1 tal-minuti nr. 12 is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li filwaqt li l-bord tal-appell tan-Norway Grants irrevoka id-deċiżjoni tiegħu illi l-applikazzjoni tal-Kunsill waslet tard, għax din tassew ma twaslitx tard, xorta ma laqax l-appell tal-Kunsill fid-dawl tan-nuqqasijiet li kien hemm fis-survey hekk kif is-survey li sar mill-Kunsill kien iktar dettaljat milli mixtieq. Il-membri urew id-dispjaċir tagħhom għal din id-deċiżjoni tassew inġusta.

2.3. Dwar punt nr. 5.1 tal-minuti nr.12 is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi dwar il-mistoqsija li sargħet marbuta mat-terminu tat-tender tal-ġbir ta' skart, id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali kienet infurmat lill-Kunsill li l-offerta għanda toħroġ għall-perjodu ta' tnax-il xahar bil-possibilità li tiġi estiża sena b'sena sa massimu ta' tmienja u erbgħin xahar. Il-membri iddiskutew ukoll il-fatt li mill-2022 l-iskart ser jibda jinġabar mir-reġjuni u s-Sindku tenna li huwa ma jaqbilx ma dan.

3. **<u>Korrispondenza</u>**

3.1. Talba għar-rifużjoni ta' tyre ta' karozza wara inċident li seħħ fi Triq l-Irvellijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi d-dokumentazzjoni kienet preżentata kollha kif meħtieġ u għaldaqstant approvaw it-talba tal-ħsarat filwaqt li talbu li x-xogħol li għandu isir fl-isprall ta' Triq l-Irvellijiet, isir mill-aktar fis. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-ħsara kienet qed tissewwa.

3.2. Korrispondenza mingħand it-TCTC sabiex il-Kunsill Lokali Paola jagħmel korsijiet tar-Robotica għat-tfal fis-sajf. Il-membri approvaw li isiru dawn il-korsijiet kif mtenni fl-ittra tat-TCTC.

3.3. Korrispondenza marbuta max-xogħolijiet ta' urġenza f'Casa Flamini fejn jidher li l-Pulizija talbet il-parir tal-Perit li sostna li sakemm jinbena it-tieni ħajt ta' protezzjoni, il-parti ta' Triq il-Foss li tmiss mad-dar trid tingħalaq għat-traffiku. Il-membri iddiskutew dan ix-xogħol u filwaqt li fid-dawl tal-parir tal-perit qablu li din il-parti tingħalaq, approvaw ukoll numru ta' "*traffic diversions*" (anness) sabiex it-traffiku ikun jista' jgħaddi aħjar sakemm isir dan il-ħajt.

## 4. CCTV

4.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi s-CCTV tas-Suq twaħħlu u qed jiġu sorveljati mill-aġenzija LESA.

4.2. Is-Sindku xtaq jirrimarka illi ġibed l-attenzjoni tal-LESA illi l-kameras tal-Pjazza saru wkoll sabiex jiġi ssavalgwardjat l-ambjent hekk kif hemm numru ta' stabbilimenti li qed jabbużaw u joħorġu l-iskart bil-lejl meta suppost għandom kuntrattur. Kompla billi qal li huwa infurmat li għandom jittieħdu passi.

4.3. Is-Sindku kompla billi qal li hemm bżonn ukoll sorveljanza fi Triq Żabbar u hemm ħsieb illi l-LESA tinstalla kameras fl-akwata sabiex tissorvelja din il-parti wkoll. Huwa wkoll talab l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill sabiex jiġu magħżula numru ta' postijiet oħra fejn jistgħu isiru CCTVs ġodda u jibda ix-xogħol fuqhom. Il-membri approvaw.

## 5. Servizz.gov

5.1. Is-Sindku informa lill-membri illi kien ġie infurmat li s-servizzi soċjali tal-Gvern qed jaqgħu issa taħt il-kappa tas-Servizz.gov u l-fergħa tal-Kunsill ser tiftaħ fil-ġranet li ġejjin però mingħajr is-servizz tal-ħlasijiet tal-kont tad-dawl. Kompla billi jidher li dawn is-servizzi ser ikunu qed jiġu organizzati aħjar fil-ġranet li ġejjin.

## 6. Management letter dwar Stqarrijiet Finanzjarji

6.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta lill-membri l-Ittra ta' Direzzjoni tal-Awdituri wara l-proċess tal-awditjar tal-kotba tas-sena finanzjarja 2019. Il-membri iddiskutew il-punti imsemmija u qablu li għanda tiġi formulata ir-risposta uffiċjali mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 7. Komunikazzjoni mis-Sindku

7.1. Is-Sindku qal li dan l-aħħar kulħadd innota xogħolijiet tal-Enemalta li saru fi Triq Żabbar marbuta mad-Djar tal-Anzjani l-ġdida ta' Triq Żabbar kif ukoll tal-Paola Hub. Huwa kompla li kien hemm bosta problemi waqt li qed isiru x-xogħolijiet u l-kwalità tax-xogħol li kien qed isir fit-triq. Għaldaqstant kompla billi qal li kien għamel kuntatt mal-periti tal-Enemalta fejn saħaq li kwalità ta' dan ix-xogħol mhux aċċettabbli u jekk l-istess kuntrattur ser jerġa japplika għal xogħol ieħor mhux ser ikun aċċettat li jagħmel ix-xogħol qabel l-Enemalta taċċerta li x-xogħolijiet isiru kif suppost u l-kuntrattur ikun sorveljat mill-periti u l-inġiniera tal-istess entita.

7.2. Is-Sindku informa lill-membri illi f'laqgħat preċedenti kien hemm qbil li isir xogħol ta' manutenzjoni fil-binja tal-Kunsill wara li kien sar xogħol grazzi għall-kuntratt li kien sar mal-Gvern u s-Servizz.gov. Is-Sindku kompla li wara li daħal l-ilma tax-xita tul ix-xitwa ser ikun qed isir xogħol ta' membrane fuq il-bejt u li isir kollox kif suppost. Kompla billi qal li wara isir tibjid u xogħolijiet fis-sala tal-Kunsill sabiex ukoll kollox ikun attrezzat aħjar. Il-membri qablu li dan ix-xogħol isir.

7.3. Is-Sindku qal li xtaq jinforma lill-membri fuq xogħolijiet li kienu qed isiru fuq barra fejn fost l-oħrajn għaddej xogħol fuq il-kaskata ta' Ġnien Dom Mintoff u Infrastruttura Malta kompliet ix-xogħolijiet tat-toroq tal-madwar.

7.4. Is-Sindku qal ukoll li sargħet laqgħa mal-Kunsill Konsultattiv għan-nofsinhar ta' Malta fejn tressaq ir-rapport li għamel il-Kunsill bin-nuqqasijiet tal-Pjazza. Fil-laqgħa ġew diskussi n-nuqqasijiet li hemm filwaqt li s-Sindku talab illi sal-aħħar ta' Ġunju il-Kunsill ikollu xi tip ta' feedback dwar kif ser nipproċedu. Is-Sindku semma wkoll fost l-oħrajn li kif il-funtani jiġu jaħdmu, naraw ukoll x'jista' isir biex jiġu anqas perikolużi.

## 8. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

8.1. Il-Viċi Sindku staqsa dwar il-linji sofor li kellhom isiru fi triq il-foss, kif ukoll staqsa dwar nuqqas ta' indafa fil-latrina ta' triq il-foss u l-fatt li l-latrina tal-pjazza tinsab magħluqa. Is-Sindku irrisponda billi qal li l-latrina tal-pjazza għada magħluqa fid-dawl li din sargħet fuq art li mhux propjetà tal-Kunsill u għandu jibda l-proċess tad-devoluzzjoni mal-lands wara li riċentement ġejna infurmati li dan il-proċess li kellu isir ma kienx sar mill-Kunsill Konsultattiv. Dwar il-ħmieġ li ssemma tal-latrina ta' Triq il-Foss, is-Sindku qal li r-ritratti tal-latrina li deher online, ittieħed meta jarma s-suq u kien ħafna riħ li spiċċa daħħal ftit skart fil-latrina. Dwar il-parkeġġ ta' Triq il-Foss is-Sindku rrimarka li daħal ilment wara li l-istess persuni talbu li isiru linji sofor kif approvati mill-Kunsill u minn TM sabiex jipprevjenu parkeġġ li jagħlaq il-bibien tad-djar.

8.2. Il-Kunsilliera Delezio staqsiet dwar iż-żebgħa tas-salib it-toroq ta’ Triq Ħal Luqa wara li sar inċident. Is-Sindku ta’ rendikont tax-xogħol kollu li sar fuq dak is-salib it-toroq ma’ Transport Malta wara li ġew approvati pjanti sabiex isiru biss xogħolijiet fit-triq li jwasslu sabiex wieħed inaqqas il-veloċità u li ma jinkludux fost l-oħrajn *traffic lights*. Dwar dan ix-xogħol is-Sindku qal li għadda kollox lill-kuntrattur tal-Kunsill sabiex dawn ix-xogħolijiet isiru.

8.3. Il-Kunsillier Arqueros staqsiet dwar l-armar tas-siġġijiet bl-addoċċ li sar fil-pjazza. Is-Sindku irrimarka li hemm uffiċjali tal-MTA li suppost qed jiċċekkjaw dan filwaqt li qal li għandu isir xogħol fuq il-*masterplan* li kellu isir mill-Perit tal-pjazza però kien baqa’ ma sarx.

8.4. Il-Kunsillier Camilleri irringrazzja lill-amministrazzjoni tal-Kunsill tax-xogħol li sar fuq is-CCTV tas-suq u talab sabiex jiġu wkoll kontrollati l-abbużi li isiru taħt is-suq. Is-Sindku irrimarka li għandu jkellem lil pulizija dwar din il-problema.

## 9. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti

9.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta’ Pagamenti Nru. 08 għas-somma ta’ €103,672.97.

## 10. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

10.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-7:00pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 29 ta’ Ġunju 2020.

10.2. Konfermati, illum l-Erbgħa 29 ta’ Lulju 2020.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Kurt Scerri | Dominic Grima |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |